MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 53/2001/1

**Peter Borg**

**vs**

**Emanuel Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2003, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors

1. Dan hu rikors maghmul skond id-dritt moghti fl-artikolu 42 tal-Kap 60 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn hemm specifikatament imnizzel li jekk parti tiehu gudikat in forza

ta' dikjarazzjoni falza maghmula minnha quddiem il-Bord, il-parti l-ohra ghandha dritt li titlob li l-kawza tinstema' mill-gdid.

Il-kawza deciza li fuqha qed isir dan ir-rikors hija dik deciza mill-Qorti ta' l-Appell Rikors 163/B97 "Emanuel Busuttil vs Peter Borg" deciza mill-Bord Li Jirregola l-kera fit-28 ta' Ottubru, 1999, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju, 2001.

2. Il-fatti: Fejn hemm id-dikjarazzjonijiet foloz huwa f'dan li gej:-

(a) Ir-rikorrenti Busuttil ma svelax lill-Bord li l-fond kien dekontrollat, u dan skond ic-certifikat li hawn anness b'kopja awtentikata mill-avukat sottoskritt, u anzi ta' lil Bord x'jifhem li din kienet kirja li taqa' taht il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan hu manifest fir-rikors promotorju tal-kawza 163/B97, fejnl-ebda parti tieghu ma jindika li hemm dekontroll fuq il-post, u ghalhekk waqt li l-Bord ghandu kompetenza dik il-kompetenza hija regolat mill-kap 158 u mhux mill-Kap tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jistax jghid li r-rikors ghaliex presentat mill-Avukat mhux rikors tieghu, u l-fatti hemm esposti huma tieghu. Dik tikkostitwixxi dikjarazzjoni falza. Il-pregudizzju li kien hemm kontra l-esponenti jirrizulta mill-fatt li waqt li l-Kap 69 ghandu regoli mod, il-kap 158 huma aktar stretti, kif jigi muri waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

(b) Emanuel Busuttil ddikjara li kien sar jaf minghand in-nies dwar l-identity card tal-esponenti, u li ta x'jifhem li Peter Borg ma kienx joqghod fil-fond in kwistjoni. Din hi dikjarazzjoni assolutament falza. Ghandu jigi pruvat quddiem il-Bord f'dan ir-rikors li l-istess Emanuel Busuttil kien imur hu stess ghandu Peter Borg biex jigbor il-kera, hlief ghall-perijodu meta l-istess Peter Borg kien taht arrest preventiv. L-istess Emanuel Busuttil jiddikjara li hu kien sar jaf qabel fetah il-kawza li Peter Borg kien instab hati, skond is-sentenza esebita fl-atti, meta fil-fatt, u kif se jigi pruvat hu kien ilu jaf minn zmien qabel. Mhux biss kien jaf, imma sahansitra kien ghamel talba verbali halli toghla l-kera, u meta gie rifjutat, li bdew dawn il-proceduri.

Fuq dan jista' jixhed Dr. Joseph Zammit Maempel li dak iz-zmien kien jippatrocina lill-esponenti.

Hawn torbot ukoll il-kwistjoni tad-dekontroll, ghaliex waqt li l-Art 9 (a) tal-Kap 69 jitkellem fuq ir-ripresa fir-rilokazzjoni fuq il-bazi li l-kerrej "has used the premises for any purpose other than that for which the premises were leased" l-artiklu 5(3) (b) tal-Kap 158 idahhal il-kelma "mainly", li taghmel differenza enormi fl-applikazzjoni tal-ligi.

(c) Emanuel Busuttil jiddikjara wkoll fl-affidavit tieghu kif issemmi aktar 'il fuq li sar jaf u qisu agixxa minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, dwar kundanna tar-reati. Fil-fatt kif jidher mir-rikors promotorju li fuqu nghatat is-sentenza, li l-kirja kienet minn xahar ghal xahar. Ghandu jigi pruvat li l-istess Emanuel Busuttil baqa' jircievi l-kera, u dan minkejja li kien jaf x'kien gara mhux anqas minn tlett snin qabel. Joqghodu vicin xulxin, u omm Emanuel Busuttil kienet toqghod kemm iddur il-kantuniera fejn hemm ftit djar fuq in-naha tal-Freeport. Halla impressjoni, u dan jikkostitwixxi dikjarazzjoni falza, li hu appena sar jaf agixxa. Emanuel Busuttil u ommu qablu kienu jafu bil-fatti, baqghu jircievu l-kera, u l-fatti kienu maghrufa fl-inhawi kollha.

Mhux hekk biss, imma meta sar ir-raid mill-pulizija, u dan ghandu jirrizulta, Emanuel Busuttil kien fuq il-post u pprova jindahal u tkecca mill-pulizija, minkejja li beda jghid li hu s-sid.

(d) Illi dawn id-dikjarazzjonijiet kontenuti kemm fir-rikors u kemm fl-affidavit ta' xhieda li ghamel Emanuel Busuttil kienu u huma misleading u ghalhekk folox sostanzjalment.

3. Aspetti Legali

Il-provvedimenti tal-Artiklu 42 tal-Kap 69 huma bil-wisq aktar estensivi u liberali mit-talba ghal smiegh mill-gdid taht il-Kodici tal-Procedura Civili, u m'humiex marbutin bl-istess regoli. Inoltre ma' hemm l-ebda kundizzjoni, hlief

dik kontenuta fl-artiklu sussegwenti li dwar liema hlasijiet ghandhom isiru fir-registru.

Illi l-kawza originali giet deciza fuq il-punt tal-uzu tal-abitazzjoni da parti tal-esponenti, li fiha kienet tinkorpora l-allegazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kirja, u ghalhekk id-dikjarazzjonijiet folox li saru minn Emanuel Busuttil kienu rilevanti u determinanti.

Li f'dan il-kaz, u stante r-regola specjali fl-artiklu 42, il-prova tad-dikjarazzjonijiet foloz se jsir b'diversi xhieda, fosthom ufficjali pubblici li nvestigaw il-kaz kriminali u dwar id-dekontroll, u xhieda ohra fosthom l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel, li certament m'ghandux interess personali fil-kwistjoni.

Il-fatt umbghad li ma giex dikjarat li l-fond kien dekontrolloat, obbligu li kien jispetta lil Emanuel Busuttil, jikkostitwixxi ngann lejn il-Bord, peress li gab lill-istess Bord li ma japplikax ir-regola mhux biss specjali taht il-Kap 69, imma dik specjalissima taht il-Kap 158.

Illi fid-dritt moghti fl-artiklu 42 tal-Kap 69, ma hemm l-ebda limitazzjoni li r-rikorrenti seta' kien jaf qabel inqatghet il-kawza bil-falsita' tad-dikjarazzjoni. Anke kieku kien hekk, jigi dikjarat minn issa li sakemm instab id-dokument tad-dekontroll dan kien bl-isforzi ripetuti u bl-attendanza ripetuta ta' Dr. Daniela Borg fil-Land Valuation Office, peress li l-fond mhux bin-numru imma bl-isem, u dan il-fatt kien assolutament gdid wara li giet deciza l-kawza.

4. Talba

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu b'applikazzjoni tal-Artiklu 42 tal-Kap 69, li jaghtih il-kompetenza unika in materja, li jiddikjara li kien hemm dikjarazzjonijiet foloz da parti ta' Emanuel Busuttil fil-kawza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera, fit-28 ta' Ottubru, 1999, li giet definitivament deciza sussegwentement mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju 2001, fl-ismijiet 163/B97 Emanuel Busuttil vs Peter Borg, u konsegwentement tordna li thassar dik il-parti tas-

sentenza fejn Emanuel Busuttil ha gudizzju favur tieghu minhabba d-dikjarazzjonijiet foloz tieghu, u cioe’ fejn gie dikjarat li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja u li sar uzu divers, u ghalhekk tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza ghal dak li jirrigwarda l-istess kawzali.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta (fol 11)

Illi biha huwa jopponi ghat-talba ta’ Peter Borg ghas-sospensjoni tas-sentenza moghtija fl-istess ismijiet mill-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Gunju 2001, u b’mod alternattiv ghall-estensjoni tat-terminu ghall-ezekuzzjoni ta’ l-istess sentenza ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament, it-talba ta’ Peter Borg hija rrita u nulla peress u qed jigi sottomess illi kontestwalment mar-Rikors tieghu huwa kellhu jaghmel garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tigix mhassra.

2. Preliminarjament ukoll, qed jigi sottomess ukoll illi t-talba ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza li ghaddiet in gudikat bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell kellha ssir lill-Qorti ta’ l-Appell.

3. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata (Art 823 (1) tal-Kap 12). In materja japplikaw ir-regoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Alternattivament, ma hemm xejn fil-Kap 69 li jipprovdi dwar is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ sentenza, u konsegwentement il-Bord ma jistax jordna t-twaqqif ta’ l-ezekuzzjoni ta’ sentenza.

4. Illi l-azzjoni ttentata minn Peter Borg hija sempliciment azzjoni dilatorja, speci ta’ Qorti ta’ terza istanza, intiza biex jostakola l-kors tal-gustizzja u jkompli jtawwal iz-zmien li fih ikolli jobdi l-Qorti tal-Bord u anki tal-Qorti ta’ l-Appell li jizgombra u jhalli battal il-fond in kwistjoni li l-Bord fis-sentenza tieghu kien wasal ghall-konkluzjoni, anzi “hassu konvint” li l-intimat Peter Borg ma uzax il-post

bhala r-residenza tieghu izda uzah biss biex jitlaqa' ma xi hbieb u fejn hu kien jikkoltiva u jittraffika l-cannabis u fejn kien izomm armi u maskri li jindikaw "vjolenza a mano armata". Peter Borg qed jghid li ghandu diversi xhieda u l-iskop tieghu evidentement huwa li jkompli jkarkar bil-proceduri fil-Qorti u jipprova jdum hafna ma johrog mill-fond 'de quo'.

5. Illi s-sentenza moghtija mill-Bord u konfermata fl-Appell ordnat l-izgumbrament fuq zewg kawzali: illi Peter Borg ma ezegwix il-kondizzjonijiet tal-kirja mhux biss ghax ma uzax il-fond bhala d-dar ta' abitazzjoni tieghu izda ukoll ghax naqas li jiehu hsieb il-fond, liema tieni kawzali mhijiex qed tigi attakkata fir-Rikors promotur ghar-ritrattazzjoni ta' Peter Borg.

6. Illi ghalhekk il-pregudizzju ta' l-esponent jekk tinghata s-sospensjoni jkun aktar minn dak ta' Peter Borg li prezentement qed jiddepozita l-kera l-Qorti a kumdita' u pjacir tieghu, u f'erba' snin l-esponent gie notifikat b'zewg Cedoli ta' Depozitu biss u cjoe' ghall-perijodu tal-kera mit-2 ta' Jannar 1998 sa l-1 ta' Jannar 1999, u mit-2 ta' Jannar 2000 sa l-1 ta' Jannar 2001.

7. Illi jekk dan il-Bord jidhirlu li huwa ghandu l-fakolta' li jestendi t-terminu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell dan ghandu jkun terminu qasir u perentorju u ghal darba wahda biss sabiex Peter Borg jkollu l-ahhar opportunita' johrog hwejjgu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jichad it-talba ta' Peter Borg ghas-sospenzjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza jew ghall-estensjoni tat-terminu ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u dokumenti kollha.

Ra noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra,

1. Dan hu rikors imsejjes fuq l-art 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Jekk jinsab li wahda mill-partijiet haadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjon falza maghmulha minnha, l-parti kuntrarja tista’ taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors u kas ukoll tagixxi quddiem il-qorti kompetenti ghad-danni u ghall-hlas ta’ penali ta’ mhux izjed minn mitejn lira, kif tigi stabbilita’ mill-Qorti.

2. Din il-procedura hi dwar thassir u smiegh mill-gdid tar-rikors nru 163B/97 fl-ismijiet bil-maqlub moghtija mill-Bord fid-28 ta’ Ottubru 1999u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Gunju 2001 fejn intlaqghet talba ta’ l-intimat ta’ llum ghall-izgumbrament tar-rikorrent ta’ llum mill-fond li jismu “Saint Paul” tal-Gebel Road, Birzebbugia.

3a. Meta gie promulgat l-ewwel Att dwar ir-rilokazzjoni tal-fondi beltin, l-Att Nru 1 tal-1925, li kien jirregola, bhal ligijiet sussegwenti, tant ir-ripreza tal-pussess, hemm il-kondizzjonijiet tar-rilokazzjoni mal-gheluq ta’ lokazzjoni korrenti, giet imdahhla f’dak l-att klawzola penali wahda generika, jigifieri dik tal-art 25 li kien jiddisponi:

“Se risultasse che alcune delle parti avra’ ottenuto dalla Commissione una decisione favorevole in conseguenza di false esposizione da esse fatte, l’altra parte avra’ il diritto di domandare inanzi lo stessa commissione l’annullamento di dette decisione e sara’ intitolata a procedere contra le prime innanzi alla corte competente di ordinario giurisdizione per ottenere oltre il risarcimento dei danni anche il pagamento di una penali non eccedente lira sterline cinquanta”.

b. Dan l-att gie mibdul bl-Att XXIII tal-1929 li fih zewg klawzoli penali separati, dik ta’ l-art 14 u dik ta’ l-art 51.

L-art 14: “Nel caso che il locatore avesse ottenuto possesso del fondo ai termini dell’art 12 (b) e sit provi che ci sia stato simulazione o frode il locatore sara’ tenuto a pagare al conduttore che avesse lasciato il fondo invece dei danni una penale non eccedentre Lm200 da essere stabilita dalla Giunte”.

L-art 51: “Qualore fosse a risultare che alcuna della parti abbia ottenuto una favorevole decisione della Giunte in conseguenza di false dichiarazioni da lei fatte sara’ lecito alle controparte di fare domanda alle Giunte per la ritrattazione del ricorso, e di istituire procedimento dinanzi ad una Corte competente all’oggetto di ottenere invece dei danni il pagamento di una penale non accedente due cento lire da essere stabilita dall Corte”.

c. L-art 11 u 42 tal-Kap 69 huma kwazi kelma b’kelma l-art 14 u 51 fuq imsemmija, bid-differenza illi fl-art 42 mal-penali sa mitejn lira hemm zieda ghad-danni.

d. Din il-bidla fl-art 42 saret ghaliex

“The penalties for obtaining judgement in conseguence of false statements should be rendered severer by allowing the party who is the victim of the false statements to claim damages as well as the payment of a penalty no exceeding Lm200” (G.G. 7447 tad-19 ta’ Gunju 1931). Fl-art 11, imma, tissemma l-penali biss u mhux ukoll id-danni.

4a. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet ‘Zerafa vs Zerafa et’ (30/1/1967) l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet li

“id-dispozizzjoni ta’ l-art 43 (illum 42) hi generali: dan ifisser illi dik id-disposizzjoni tghodd ghal kull xorta ta’ decizjoni moghtija mill-Bord bis-sahha ta’ dik il-ligi kompriza decizjoni ta’ zgumbrament: biss fil-kaz ta’ zgumbrament taht il-paragrafu ta’ l-art 10 (illum 9) oltre dak ir-rimedju generali, hemm ukoll rimedju alternattiv specjali, cioe’ dak provdut fl-art 12 (illum 11) li jikkontempla ipotesijiet aktar limitati minn dawk kontemplati fl-art 43 (illum 42). Hu veru illi l-ligi ma hi la

wisq logika u lanqas wisq konsistenti maghha innifisha fl-arrangamenti li taghmel. Difatti r-rimedju li hi specifikatament tipprovdi fl-art 12 (illum 11) ghall-kazijiet ta' "simulazzjoni jew frodi (li huma kazijiet aktar gravi minn dawk ta' semplici "dikjarazzjoni falza") f'kaz ta' zgumbrament (li hu prezumibilment aktar gravuz minn kull decizjoni ohra lil-Bord jista' jaghti taht dik il-ligi), hu inqas serju u energiku, minn dak provdut taht l-art 43 (illum 42); in kwantu li skond l-art 12 (illum 11) il-penali sa minimu ta' Lm2000 li provduta "in lien of damages", mentri fl-art 42 (illum 42) il-penali sa minimu ugwali, l-provduta in aggiunta ghad-danni. Sfortunatament din mhix l-unika inkosistenza jew l-uniku zball ta' omogeneita' u kompletezza f'dik il-ligi'.

b. Din is-sentenza dwar talba ghall-zgumbrament minn dar imhabba bzonn ikkonfermat dik moghtija mill-Prim'Awla fejn il-Qorti semmiet lil Fodda u qalet

"…mentri l-art 12 (11) japplika ghall-kaz ta' simulazzjoni u frodi esercitati minn sid il-kera, l-art 43 (42) japplika ghal kaz meta xi wahda mill-partijiet tkun kolpevoli quddiem il-Bord mhux ta' simulazzjoni jew frodi, li jirrikjedu apparat fittizzju, ossia stratagemma fraudolent, imma ta' dikjarazzjoni falza".

5. "Il-kuncett ta' dikjarazzjoni falza kif kontemplat in vista tar-rimedju fl-art 42 tal-Kap 69 necessarjament jimplika mala fede da parti ta' min ikun ghamel dik id-dikjarazzjoni li sussegwentement trid tirrizulta falza" ('*Brincat vs Xuereb noe', App Mill-Bord 9/1/97*).

6. "Biex tinkwadra ruhha r-ritrattazzjoni taht is-subinciz 42 tal-Kap 69, l-appellanti jridu jippruvaw li r-rikorrenti appellant ghamel dikjarazzjoni falza. Att pozittiv u valut li jrid jirrizulta mill-atti……Il-provi li riedu jipproducu l-appellanti f'dan l-istadju…… in sostenn ta' l-aggravju bazat fuq l-ar 42 tal-Kap 69 irid qabel xejn ikun stabbilit mill-atti illi r-rikorrenti appellat ghamel xi dikjarazzjoni ….." *('Schembri vs Farrugia et' App. 7/10/96*).

7. “L-artikolu 42 tal-Kap 69 jipprovdi ghall-dritt ta’ ritrattazzjoni fejn ikun jidher illi xi wahda mill-partijiet tkun ottjeniet decizjoni favorevoli mill-Bord bhala konsegwenza ta’ xi dikjarazzjoni falza <u>maghmulha minn xi parti</u>. Il-fatt f’dak il-kaz ikun lecitu ghall-parti l-ohra li japplika lill-Bord ghal smiegh mill-gdid apparti d-dritt tieghu li jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghal rizarciment tad-danni u hlas ta’ penali”. Meta “d-dikjarazzjoni falza kienet maghmulha minn xhud li xhed quddiem il-Bord…..is-smiegh mill-gdid……seta’ biss jigi invokat fit-termini tas-subinciz (5) ta’ l-artikolu 817 tal-Kap 12 ….” (‘Zammit vs Dingli’, App. Mill-Bord, 28/12/01).

8. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi:

“Id-domanda….ghar-ritrattazzjon hija irrita u nulla peress illi t-talba kien messha saret b’citazzjoni u mhux b’rikors…..u dan kif jipprovdi l-artikolu 815 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u fi kwalunkwe kaz u bla pregjudizzju ghall-permess ir-Rikors huwa irritu u null ghax huwa nieqes mill-garanzija ghall-ispejjez kif jitlob l-istess artikolu 815 (Kap 12).

9. Bhala Qorti ta’ l-ewwl grad talba ghar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord fuq xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-art 811 tal-Kap 12 issir b’citazzjoni izda talba maghmula a bazi ta’ l-artikolu 42 tal-Kap 69 issir b’rikors (*ara ‘Bezzina vs Ganado noe’, App 31/3/52 u ‘Schembri vs Farrugia et, App 7/10/96*). Din l-eccezzjoni qd tigi michuda.

10. Qed tigi eccepiet in nullita’ li ma inghatat l-ebda garanzija. L-art 42 ma jsemmi xejn dwar garanzija jew maltivenija. Ir-ritrattazzjoni qed issir a baz ta’ dan l-artikolu. Garanzija hija mehtiega jekk issir ritrattazzjoni taht l-art 811 tal-Kap 12 imma mhux mehtiega jekk tintalab ritrattazzjoni skond l-art 42 tal-Kap 69.

11. Ghalhekk il-Bord qed jichad l-ewwel eccezzjoni kollha kemm hi.

12. It-tieni eccezzjoni tal-konvenut

“It-talba …ghar-ritrattazzjoni hja irrita u nulla ukoll peress illi tali domanda kellha ssir lill-Qorti ta’ l-Appell. Ma tistax taqbez is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-22 ta’ Gunju 2001 fl-istess ismijiet li ghaddiet in giudikat wara li kkonfermat is-sentenza tal-Bord tal-Kera tat-28 ta’’Ottubru, 1999, u allura tattakka s-sentenza tal-Bord bhallikieku s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ma inghatatx”

13. Il-Bord ghadda ghas-sentenza fit-28 ta’ Ottubru, 1999. Din is-sentenza giet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Gunju, 2001.

14. Skond l-artikol 814 tal-Kap 12 “it-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u jistghu joqghodu fiha l-istess mhallfin jew magistrati”. Dan l-artikolu dahal fil-ligi permezz ta’ l-Ordinanza IX tal-1886 (qabel art 831) flok

“La domanda per la ritrattazione di una causa decisa da una Corte di seconda istanza, lo quale avesse revocato la sentenza della Corte di prima istanza, si propone innanzi la Corte di seconda istanza. La domanda per le ritrattazione di una causa in cui la Corte de seconda istanza avesse confermato o solamente riformato la sentenza della Corte di prima istanza, si propone innanzi queste Corte”.

15. L-artikolu 42 huwa rimedju specjali u mid-dibattitu parlamentari ta’ l-Ordinanza XXI tal-1931 jidher li l-legislatur ried jaghti bhala bazi ghar-ritrattazzjoni lilu biss – dikjarazzjoni falza tal-parti. Ta’ min jghid ukoll li l-appell minn decizjoni tal-Bord iddahhal fil-ligi bl-att XXIV tal-1937. Matul iz-zmien il-gurisprudenza ghallmet li ritrattazzjoni quddiem il-Bord setghet issir ukoll ghal ragunijiet imsemmija fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili billi art 20 (1) tal-Kap 69 jghid illi

“Il-Bord ghandu l-istess setghet moghtija mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili” (*ara ‘Cassa vs Mifsud’, App 5/2/45, Vol XXIII –p-155*).

16. Fis-sentenza ‘Zammit vs Dingli’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (28/12/01) qalet li

“Hu relevanti s-subinciz (2) al-artikolu 265 li jipprovdi illi fil-kaz ta’ sentenzi moghtija mill-Qrati Inferjuri u li minnhom ikun sar appell ghall-Qorti ta’ l-Appell, l-esekuzzjoni tas-sentenza issir dejjem mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ukoll meta l-Qorti ta’ l-Appell thassar is-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad. Dan is-subartikolu japplika ukoll ghall-Bord li Jirregola l-Kera. Dan anke bl-applikazzjoni tramite ezercizzju interpellativ tas-subinciz (12) tal-artikolu 286 (akp 12) li jipprovdi ghall-esekuzzjoni provizorja ta’ sentenzi b’ordni tal-Qorti li jiddikjara illi f’dak l-artikolu “il-frazi” ‘Qorti ta’ l-Ewwel grad” ghanda tiftiehem bhallikieku tinkludi riferenza ghall-Bord li Jirregola l-Kera”.

17. F’dawn il-proceduri hemm ‘res jindicata’’, sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li kkonfermat sentenza tal-Bord. Fir-rikors il-Bord qed jigi mitlub ihassar parti mis-sentenza tieghu. Imma wara dik is-sentenza hemm sentenza ohra. Jghodd dak li intqal fis-sentenza “Gollcher vs Balbi”

“Allorquando una causa e’ passata in grado di appello, la ritrattazione se ne deve domandare innanzi alla Corte di Appello, sia che abbia confermato o riformato la sentenza della prima corte, sia che il vizio lamentato si trovi nell’altra sentenza”.

u

“……il sistema opposto presenterebbe l’inconveniente di riaprire dai suoi primi atti un giudizio gia spento, e l’assurdo che la prima Corte, revocando la propria, faccie cedeere nel nulla anche la sentenza di appello (v. Borsari).

18. Appell u ritrattazzjoni m’humiex l-istess haga. Izda parti li minn sentenza tal-Bord tmur quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u tiehu sentenza ma tistax tmur lura ghall-artikolu 42 tal-Kap 69 biex tattakka s-sentenza tal-Bord.

19. Bhala zieda u zieda biss jinghad li ma hemm l-ebda dikjarazzjoni falza. Din il-procedura saret biss biex jitressqu xhieda li setghu facilment gew prodotti quddiem il-Bord fil-bidunett.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Bord jichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontrih.”

Ir-rikorrenti jattakka din is-sentenza billi jikkontendi illi l-konkluzjoni tal-Bord hi vizzjata in kwantu din hi bl-oppost tal-principji enuncjati mill-Bord innifsu fl-istess sentenza;

Minn ezami ta’ din is-sentenza jidher li l-*iter* intellettwali tal-Bord kien dan. Huwa jitlaq mill-punt illi r-rikors introdott mill-appellant kien cirkoskritt ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet inversi – deciz minnu fit-28 ta’ Gunju 2001 – fit-termini ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. Ghadda mbaghad biex issenjala l-izvilupp storiku u t-tifsira gurisprudenzjali fir-rigward. Irrespinga l-ewwel eccezzjoni riferibilment ghall-procedura adottata. Irrileva fuq it-tieni eccezzjoni, konsiderazzjonijiet inerenti ghall-provvedimenti dwar ir-ritrattazzjoni fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, sakemm spicca biex ikkonkluda, b’ mod li din il-Qorti ma ssibx komprensibbli, illi “parti li tmur quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u tiehu sentenza ma tistax tmur lura ghall-Artikolu 42 biex tattakka s-sentenza tal-Bord”;

Bir-rispett kollu dovut din il-Qorti ma thossx li ghandha ssegwi dan ir-ragonament. Anzi, jidhrilha li, fl-interess tac-certezza tal-ligi, huwa ragonament li hu guridikament difettuz u ma jistax jigi ammess bhala proposizzjoni korretta tad-dritt in materja. Il-Qorti sejra ghalhekk tiddiskosta ruhha minnu anke ghaliex, fil-fehma taghha, dan ma jidherx li hu sostnut mit-test tal-ligi; anzi hu konfliggenti mieghu u johloq kontroversja ngustifikata;

Riprodott, l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 jipprovdi dan:

"Jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' tiaghmel talba lill-Bord (sottolinear tal-Qorti) ghas-smigh mill-gdid tar-rikors u tista' wkoll tagixxi quddiem il-qorti kompetenti ghad-danni u ghall-hlas tal-penali ta' mhux izjed minn mitejn lira, kif tigi stabbilita mill-qorti.";

Jinhass opportun, qabel kull riflessjoni fuq il-precitat dispost tal-ligi, illi jigi rammentat l-insenjament tar-**Ricci** ("Corso Teorico e Pratico di Diritto Civile" Vol. 1 Parte 1 pagna 22 para. 13):

"*Nell' applicare la legge non si puo attribuirla altro senso che quello fatto palese dal proprio significato delle parole secondo la connessione di esse e dalla intenzione del legislatore. Due obbiettivi deve dunque avere il giudice nell' interpetare la legge, il testo cioe` di essa e lo spirito che l' anima ... Innanzi tutto è da avvertire che, quando il testo è chiaro e la parola non lascia alcun dubbio sul suo significato, non è lecito ricorrere allo spirito per applicarla o interpretarla a rovescio. Se fosse diverso, sotto pretesto d' interpretazione, il giudice si arrogherebbe il diritto di corregere o modificare la legge a suo arbitrio, il che non puo` essere consentito dal principio fondamentale della divisione dei poteri.*";

Il-kummenti ta' dan it-trattist jikkontjenu, bl-uzu ta' espressjonijiet ta' sintesi qawwija, il-koncezzjoni ermenewtika pjuttost elementari, ossija d-dixxiplina ta' l-interprezzjoni valevoli ghas-setturi kollha tad-dritt, kompriza dik ta' l-interpretazzjoni tas-sentenzi nfushom (Ara **Kollez Vol. XXIV P I p 157**). Huwa biss meta l-kontroversja ma tkunx possibbli li ligi deciza skond disposizzjoni preciza u cara illi wiehed ikun jista' jirrikorri ghal dawk il-principji generali tad-dritt, assisti s' intendi minn dottrina u zvilupp gurisprudenzjali, billi anke dawn

iservu biex jintegraw il-lakuni ta' l-ordinament guridiku, jew jirrendu car dak li apparentement jidher oskur;

Dan premess, fil-hsieb ta' din il-Qorti, fil-kaz hawn kontemplat, is-sens letterali tad-disposizzjoni joffri b' mod immedjat rizultat preciz u univoku korrispondenti ghal "*voluntas legis*". U anke kieku kellu wiehed jirrikorri ghal "*voluntas legislatoris*" dan ghandu jservi biss bhala riferiment u ghajnuna, f' sens storiku, ta' min irrediega d-disposizzjoni;

In effetti, fl-istess decizjoni citata mill-Bord fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Zammit -vs- Carmelo Dingli**", Appell, 28 ta' Dicembru 2001, oltre li dik il-Qorti ddistingwiet bejn il-kaz prospettat taht l-Artikolu 42 (Kapitolu 69) u l-kaz taht l-Artikolu 811 (j) (Kapitolu 12), spjegat b' mod mill-aktar logiku illi meta l-parti tadopera r-rimedju taht l-Artikolu 42 "f' dak il-kaz ikun lecitu ghall-parti l-ohra <u>li japplika lill-Bord</u> ghal smigh mill-gdid apparti d-dritt tieghu li jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghal risarciment tad-danni u hlas ta' penali";

Issa m' ghandux ikun dubitat illi r-rimedju prospettat taht l-Artikolu 42 tal-ligi specjali huwa kontraddistint mir-rimedji tar-ritrattazzjoni prevvisti fil-ligi procedurali (kapitolu 12). Huwa rimedju li l-legislatur donnu akkorda specifikament ghal kaz fejn ikun jidher li xi wahda mill-partijiet tkun ottjeniet decizjoni favorevoli mill-Bord bhala konsegwenza ta' xi dikjarazzjoni falza <u>minnha</u>. Sa fejn jirrizulta dan jidher li kien l-uniku rimedju akkonsentit mil-legislatur taht il-Kapitolu 69, kif jirrizulta ahjar storikament espost fid-decizjoni fl-ismijiet "**Rosina armla Zerafa -vs- Giuseppina Zerafa *et***", (**Kollez. Vol. L P II p 353**), konfermata wkoll fl-appell (**Kollez Vol. LI P I p 44**);

Kienet biss l-interpretazzjoni tal-Qrati li estendiet ghall-Bord ukoll ir-rimedji tar-ritrattazzjoni kontemplati fl-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Procedura. Hekk insibu deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Anthony Cassar -vs- Flora Mifsud**",

Appell, 5 ta’ Frar 1945 (**Kollez. Vol. XXXII P I p 155**) dan li jsegwi:-

“Illi huwa veru li l-Ordinanza nru. XXI ta’ l-1931 ma tikkontemplax espressament hlief kaz wiehed ta’ ritrattazzjoni, cjoe dak ta’ meta tkun ottenuta sentenza bhala konsegwenza ta’ dikjarazzjonijiet foloz (Artikolu 43 u 44 ta’ l-Ordinanza citata), imma dan il-Bord dejjem ha konjizzjoni ta’ ritrattazzjoni bazata fuq motivi ohra, u anzi fuq il-motivi kollha kontemplati fl-Artikolu 828 tal-Ligijiet ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u biex jaghmel hekk il-Bord sab gustifikazzjoni fid-disposizzjoni generika u generali ta’ l-Artikolu 21 (illum Artikolu 20) ta’ l-istess Ordinanza XXI ta’ l-1931 li jghid li l-Bord ‘*shall have all the powers conferred by the Laws of Organisation and Civil Procedure upon His Majesty’s Civil Court (First Hall) …*’, u indipendentement mill-kwistjoni jekk dak l-artikolu, kieku kellu jigi interpretat strettament jippermettix ir-ritrattazzjoni f’ kaz iehor barra dawk ta’ dikjarazzjonijiet foloz, dan il-Bord ghal ragunijiet prattici u suggeriti mill-principji ta’ gustizzja temperata mill-ekwita` ma jidhirlux li ghandu jiddiparti mill-atteggjament li ha s’ issa f’ kazi ta’ ritrattazzjoni bazati fuq motivi li ma jkunux dawk biss kontemplati espressament fl-Artikolu 43 (illum Artikolu 42) ta’ l-Ordinanza li tirregola l-Kera”;

Dan premess, issa huwa vera illi meta t-talba ghal smigh mill-gdid ta’ kawza tkun bazata fuq xi wiehed mill-motivi stipulati fl-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12, talba bhal din ghandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata (Artikolu 814). F’ dan il-kaz pero` l-motiv additat ma huwiex wiehed mir-ragunijiet elenkati fl-imsemmi Artikolu 811 izda arginat fit-termini tal-motiv dedott fl-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. Dan ma jistax jitqies xi motiv agguntiv ma’ dawk l-ohra taht il-Kapitolu 12, b’ mod li allura jigi rez applikabbli ghalih id-disposizzjonijiet l-ohra tat-Titolu IV - Fuq ir-Ritrattazzjoni, kompriz allura illi l-kawza tigi ritrattata mill-qorti fi grad ta’ appell jekk tkun din il-Qorti li tkun ippronunzjat ruhha l-ahhar. L-Artikolu 42 hu rimedju specjali stabbilit minn ligi specjali u, kif gja

osservat, kontraddistint mir-rimedji l-ohra taht il-ligi procedurali ordinarja;

Il-Bord ma setax allura jinterpreta l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 skond il-kriterji tal-Kapitolu 12 izda kellu invece joqghod ghat-test univoku tieghu fejn hu kjarament dispost illi talba taht dak l-artikolu u ghal dik ir-raguni, hekk del resto premess mill-appellant f' dan il-kaz, kellha ssir lill-Bord li Jirregola l-Kera. Konsegwentement il-procedura adottata mill-appellant kienet dik korretta billi din segwit *alla lettera* t-test tal-ligi fil-precitat Artikolu 42. Opportunement, jigi ribadit il-principju illi fejn il-kliem tal-ligi huma cari mhux lecitu li wiehed joqghod ifittex la l-intenzjoni tal-legislatur u anqas il-konfront ta' diversi artikoli tal-ligi biex jinterpreta dak li hu sufficcjentement car;

Finalment, jigi osservat illi fis-sentenza appellata il-Bord, nonostante l-affermazzjoni ta' indoli procedurali li ghamel, ghadda biex ghamel accenn sfuggevoli ghall-meritu tal-kaz billi iddikjara, b' zieda, li ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza. Din il-Qorti pero` in vista tal-premess, u anke wkoll ghaliex ma ssibx li nghatat dik il-motivazzjoni serja, bastanti biex tissufraga din id-dikjarazzjoni tal-Bord fil-meritu, sejra thassar is-sentenza appellata in bazi ghall-konsiderazzjoni fuq maghmula u thalli mpregudikata l-kwestjoni fil-meritu biex taghti l-opportunita` shiha li l-materja tigi deliberata b' mod aktar approfondit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara li t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet inversi u in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 42, Kapitolu 69 giet sewwa ntavolata quddiem il-Bord. Tirrimetti ghalhekk il-process lura lill-Bord biex hemm jigi trattat u definit kif jixraq il-meritu;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------